MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1109/1995/2

**Joseph Ellul Sullivan bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Aquatess Ltd**

**Vs**

**Kontrullur tad-Dwana**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat fit-23 ta' Awissu 1995 li permezz tieghu r-rikorrent *nomine* espona:-

Illi r-rikorrenti kienu importaw f' Malta konsenja ta' "Olio di Semi di Soia" konsistenti f' erbat elef landa ta' litru il-wahda u dan kollox regolarment u skond il-ligi, kopja ta' l-*invoice* relattiva mmarkata Dok. A annessa mar-rikors;

Illi sussegwentement l-intimat Kontrullur tad-Dwana b' nota ta' qbid numru 72/95 tal-10 ta' Lulju 1995 kien qabad l-istess merkanzija mill-poter tar-rikorrent *nomine* kif jidher fl-istess nota ta' qbid, kopja ta' liema giet esebita mar-rikors u mmarkata Dokument B, u dan billi kif hemm imnizzel fl-istess nota ta' qbid l-imsemmija oggetti kienu gew importati bi ksur ta' l-Artikolu 17 u 60 ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi fit-28 ta' Lulju, 1995 ir-rikorrent *nomine* oggezzjona ghal dan il-qbid maghmul mill-intimat b' ittra, kopja ta' liema giet ukoll esebita mar-rikors u mmarkata Dokument C u dan ghar-ragunijiet hemm imsemmija;

Illi r-rikorrent *nomine* kien importa l-istess merkanzija regolarment u skond il-ligi; il-merkanzija kienet regolarment dikjarata u ma kien hemm l-ebda hsieb biex b' xi mod tigi eluza d-dazju fuq l-istess la intenzjonali u lanqas xort' ohra. Intant kien hemm gja moghtija ordnijiet mill-Qorti tal-Magistrati ghar-rilaxx ta' l-istess merkanzija u din ma kienetx rilaxxjata mill-Kontrullur. Minflok ir-rikorrenti issa jinsab rinfaccat bin-nota ta' qbid. L-oggetti in kwistjoni huma ta' natura deberibbili u r-rikorrent jirrizerva d-dritt li jipprocedi skond il-ligi sabiex jigi rizarcit minn kwalsiasi dannu li jista' jkollu;

Ghaldaqstant ma kien hemm l-ebda evazjoni ta' dazju jew ksur tal-ligi da parti tar-rikorrent *nomine* u l-istess intimat ma kienx gustifikat izomm il-merkanzija f' idejh jew jirrifjuta jirrilaxxja f' idejn ir-rikorrent;

Ghaldaqstant ir-rikorrent filwaqt li jirrizerva kull dritt ghad-danni lilu spettanti jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jghogobha tordna u tikkundanna lill-intimat sabiex jirrilaxxja l-merkanzija f' idejn l-istess rikorrent *nomine*, bl-ispejjez;

Rat ir-risposta ta' l-intimat Kontrollur tad-Dwana pprezentata fis-26 ta' Ottubru 1995 li fiha huwa ssottometta:

Illi l-merkanzija in kwistjoni waslet fit-2 ta’ Settembru 1994 fuq trakk bin-numru ta’ registrazzjoni Taljana PA984299 li kien indirizzat lis-socjeta` rikorrenti, tant illi fl-istess jum l-istess socjeta` kienet ghamlet depozitu favur id-Dwana biex it-trakk jithalla jidhol Malta b’ importazzjoni temporaneja;

Illi fl-istess trakk kien hemm ukoll ghadd ta’ *parts* ta’ karozzi li wkoll ma kienux gew dikjarati;

Illi t-trakk kien mghobbi bil-merkanzija (konsistenti f’ zejt ta’ l-ikel) in kwistjoni li kienet qeghda tghatti l-qiegh falz tat-trakk, fejn kien jinsab ix-xorb mhux dikjarat;

Illi l-merkanzija in kwistjoni hija ghalhekk konfiskabbli fit-termini ta’ l-Artikolu 60 tal-Kapitolu 37 flimkien ma’ l-oggetti mhux dikjarati li kien hemm fit-trakk u dan bhala l-oggetti l-ohra kollha li jkunu jinsabu ppakkjati maghhom jew li jkunu wzati biex jahbuhom;

Rat l-affidavits ipprezentati;

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process kif dawk tal-kawza fl-ismijiet “Aquatess Ltd -vs- Kontrullur tad-Dwana”. Citazz. Numru 2450/96, li hi konnessa ma din odjerna u li qed tigi deciza llum stess;

Ikkonsidrat:

Il-kwadru tal-kwestjoni li din il-Qorti hi msejha biex tiddirimi jikkonsisti f’ dan li gej:-

(1) Permezz ta’ polza tal-kariku Numru 004, esebita minn Arthur Manders, *Administrative Personnel and Insurance Manager* tas-Sea Malta fil-kors tal-Procès Verbal (kopja tieghu prodotta fil-kawza tad-danni per Citazz. Numru 2450/96 ghal liema jezistu diversi verbali

ta' referenza fl-atti) tghabba fuq il-vapur m/v "Zebbug" "*1 Truck said to contain 250 cartoni olio Semi di Soia*". Dan il-kariku kien destinat ghas-socjeta` Aquatess Limited rapprezentata mir-rikorrent;

(2) Dan it-*truck*, flimkien ma' kariku iehor ghal destinatarji ohra, wasal Malta bl-imsemmi vapur fit-2 ta' Settembru 1994 minn fejn gie skarikat. Ara *tally sheet* (fol. 82 fil-process l-iehor);

(3) Minn investigazzjoni kondotta nstab li parti mill-qiegh tat-*truck de quo* kienet maqsuma f' "*double bottom*" fejn fih kien hemm stivati kaxxi b' xorb alkoholiku. Fuq l-istess *truck* kien hemm ukoll xi *body parts* ta' vettura, u li skond Andrew Ellul Sullivan gew minnu ordnati ghal karozza tieghu tal-marka "Lancia" (fol. 84 tal-kawza l-ohra). Dawn il-*body parts* kienu fil-kabina tat-*truck*. Ara Affidavits ta' Karmenu Guillaumier, *Senior Customs Inspector*, (fol. 41) u ta' Jerome Azzopardi, *Customs and Excise Officer* (fol. 43) kif ukoll ir-relazzjoni tal-perit tekniku Philip Zammit fl-inkartament tal-Procès Verbal (fol. 59);

(4) Relattivament ghall-importazzjoni tal-*cartons* taz-zejt is-socjeta` rikorrenti ghamlet id-dikjarazzjoni necessarja (kopja esebita a fol. 76) u nharget ukoll *temporary importation license* ghat-*truck* li dwarha thallas depozitu ta' Lm782 (fol. 77). Ara xhieda ta' Joseph Borg ghal Kontrollur tad-Dwana (fol. 70 tal-procès verbal, rikonfermata minnu a fol. 111 tal-kawza l-ohra). La x-xorb u lanqas l-i*spare parts* ma gew dikjarati ghall-finijiet doganali. Dawn del resto lanqas kienu manfestati u lanqas indikati fil-polza tal-kariku jew f' xi dokument iehor;

(5) Fl-Affidavit tieghu (fol. 28) ir-rikorrent Joseph Ellul Sullivan isostni li s-socjeta` tieghu kienet ordnat iz-zejt biss u mal-merkanzija l-ohra misjuba fuq l-istess *truck* ma kellu x' jaqsam xejn u la kien ordnaha u lanqas kien jaf biha. Hekk ukoll iddikjara Andrew Ellul Sullivan fl-atti ta' l-inkjesta mill-Magistrat inkwirenti (fol. 83), anke jekk dan jafferma wkoll illi l-i*spares* kien ordnahom hu izda li ma kienx jaf li ser jaslu mal-konsenja tal-partita taz-zejt;

(6) Fl-10 ta' Lulju 1995 id-Dwana harget "Seizure Note" Numru 72/95 fit-termini ta' l-Artikoli 17 u 60 ta' l-Ordinanza tad-Dwana (fol. 5). Ghal din ir-rikorrent *nomine* oggezzjona permezz ta' ittra ta' l-avukat tieghu tat-28 ta' Lulju 1995 (fol. 6). Effettivament l-azzjoni odjerna hija l-konsegwenza ta' din l-oggezzjoni u hi mmirata ghar-rilaxx tal-kariku tal-laned taz-zejt. F' certu sens t-talba kif koncepita f' dan ir-rikors giet reza superfluwa ghar-raguni li skond kif dikjarat mill-istess rikorrent *nomine* fil-kawza tad-danni (Citazz. Numru 2450/96) l-kariku sofra deperiment;

Stabbilita din l-espozittiva tal-fatti, il-kwestjoni centrali tibqa' dik jekk is-socjeta` rikorrenti ghandhiex raguni tattakka s-*seizure note* u kienx allura gustifikat il-Kontrollur tad-Dwana jeleva u jikkonfiska l-merkanzija. Certament, huwa nnegabbli li l-Kontrollur tad-Dwana hu vestit bid-diskrezzjoni u s-setgha amministrattiva li taghtih il-ligi fil-Kapitolu 37. Sta imbaghad ghall-Qorti li tiddeciedi u taqta' l-kontroversji li jinsorgu bejn id-Dwana u l-importaturi jew kontribwenti f' materji tax-xorta ta' dik hawn ezaminata. Jibqa' dejjem fundamentali pero` li l-ligijiet tributarji ma ghandhomx jigu sfurzati ghaliex kif irriteniet il-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni riportata a **Vol. XXVIII P I p 523**, fuq l-enuncjazzjoni tas-sentenza "**Dottor Carlo Manche` -vs- Onorevole Huber nomine**", (7 ta' Dicembru 1921), "*quando le leggi tributarie sono chiare non è permessa alcuna interpretazione, ma esse devono essere applicate nel loro senso letterale, poiche l' interpretazione che meglio si addice alle leggi tributarie, anche nel dubbio, come c'insegna Ulpiano, è la letterale: 'in re igitur dubia melius est verbis Edicti servire'; sezione I para. 20 Digesto 'De Exercitoria actione'. Ne possono sempre le leggi tributarie interpretarsi con le regole del diritto comune, poiche in simili leggi, il legislatore molte volte sente il bisogno di discostarsi da quelle regole per assicurare una maggiore produttivita imponendo sacrifici al singolo cittadino pel bene collettivo e per tutelare la legge contro possibili evasioni*.";

Jitnissel minn dan l-insenjament illi l-interpretazzjoni la ghandha tkun favur jew kontra l-importatur jew favur jew kontra d-Dwana, imma d-disposizzjoni tal-ligi talvolta applikabbli ghandhom jigu nterpretati skond ir-regoli soliti u normali ta' l-ermenewtika grammatikali u tal-logika;

L-Artikolu 17 tal-Kapitolu 37 jipprovdi li "Jekk oggetti jew hwejjeg ohra li taghhom hija pprojbita l-importazzjoni, jew oggetti jew hwejjeg ohra suggetti ghad-dazju ta' importazzjoni jinsabu, b' xi mod, mohbija, jew imdahhla f' xi koll jew pakkett, biex iqarrqu l-ufficjali tad-dwana, dan il-koll jew pakkett, b' dak kollu li jkun fih, ghandu jigi kkonfiskat ...";

Ma' dan l-artikolu hu kombinat l-Artikolu 60 ta' l-istess Ordinanza tad-Dwana fejn jippreciza f' para. (a) tieghu illi "jekk oggetti suggetti ghall-hlas tad-dazju jigu zbarkati minn bastiment f' Malta, minghajr ma jkun gie qabel imhallas jew ikkawtelat id-dazju ta' importazzjoni dawn l-oggetti jigu kkonfiskati, flimkien ma' l-oggetti l-ohra kollha li jkun jinsabu ppakkjati maghhom, jew li jkunu gew uzati biex jahbuhom.";

Huwa bil-wisq evidenti minn dawn id-disposizzjonijiet illi kull ma jrid jipprova d-Doganjier ghas-sostenn tan-Nota ta' Qbid minnu emessa hu dak li fil-kaz partikolari ddahhal, u gie skarikat f' Malta, oggetti dazjabbli li kienu mohbija. Mhix mehtiega l-prova tax-xjenza ta' l-evazjoni jew tat-tentattiv biex jigi aggirat il-fisco izda jibbasta li l-oggett jew oggetti jkunu nstabu celati ghall-iskop ta' l-elevazzjoni. Elevazzjoni li ggib maghha, u b' konsegwenza, l-qbid ta' dak kollu li jkunu jinsabu fihom jew ippakkjati maghhom jew li jkunu gew uzati biex jahbuhom. Mhux kontestat f' dan il-kaz li l-kaxxi tax-xorb alkoholiku kienu mohbija fid-*double bottom* tat-*truck*; kif lanqas ma hu kontestat illi l-ispare parts tal-karozza ma gewx denunzjati ghall-iskop tal-hlas tad-dazju fuqhom. Indubitament ukoll, kif inhu ovvju mid-deskrizzjoni fuq il-polza tal-kariku, il-pakkett jew oggett trasportat, u skarikat f' Malta, kien t-*truck*

kontenenti l-*cartons* taz-zejt, u li fuqu nstabu kemm il-kaxxi mohbija tax-xorb kif ukoll l-i*spares*;

Fil-prezenza ta’ dawn il-fatti, u tal-kliem precizi tal-ligi, u wara li ezaminat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti ma tarax kif tista’ taccetta l-proposizzjoni tar-rikorrenti *nomine* illi ghax ma kienx hemm ksur tal-ligi da parti tieghu *ergo* il-Kontrollur tad-Dwana agixxa illegalment. Ghal kuntrarju l-Qorti ssib li l-agir ta’ l-intimat hu suffragat kemm mic-cirkostanzi ta’ fatt kif ukoll mid-dettami tal-ligi. Anke kieku stess l-oggetti ma lahqux iddeperew, xorta wahda ma ngib l-ebda argoment konvincenti mis-socjeta` rikorrenti ghall-akkoljiment tat-talba minnha dedotta;

Fil-korp tar-rikors tieghu r-rikorrenti *nomine* jaccenna ghall-fatt li donnu kien hemm xi ordni tal-Qorti tal-Magistrati ghar-rilaxx tal-merkanzija. Issa apparti li din l-ordni, jekk inghatat, ma tissemmiex fl-atti, anke kieku stess il-Qorti tal-Magistrati ta’ kompetenza kriminali tat ordni simili, kif drabi ohra gie deciz mill-Onor. Imhallef Tancred Gouder f’ materja konsimili ghal dik hawn trattata, “ir-rizultamenti ta’ Qorti Kriminali ma jistghu jezercitaw l-ebda nfluwenza fuq din id-decizjoni; konsegwenza naturali ta’ l-applikazzjoni tal-principju li nsegwu illi l-azzjoni penali u l-azzjoni civili huma ezercibbli indipendentement wahda mill-ohra” (**Kollez. Vol. XXXIV P II p 716**).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi dan ir-rikors billi tichad l-istess, bl-ispejjez jibqghu sopportati mir-rikorrent *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------